# Il-Ħadd 24.11.2019

1. Illum 24/11, **Solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu**:-
   - Fl-10:30am - Il-quddiesa tkun bis-sagrament tal-Magħmudija.
   - Mill-5:00pm - Korteo immexxi mill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna
     sas-6:30pm minn fejn il-monument ta' Kristu Re, il-Furjana,
     li jimxi lejn il-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta,
     fejn tingħad it-Talba tal-Għasar u jsir Messaġġ mill-Arċisqof.

2. Il-Ħamis 28/11:
   - Fis-7:15pm jiltaqa' il-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

3. Is-Sibt 30/11:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm - Laqgħa tal-Abbatini.

4. Il-Ħadd 1/12, **l-Ewwel Ħadd tal-Avvent**:
   - Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jsir it-Tberik tal-Girlanda
     li ser tgħinna biex nippreparaw ruħna għall-Miġja ta' Ġesù.

5. Avviżi oħra:
   - Wasal il-magazin *'Flimkien'* ta' Diċembru.
     Min is-soltu jieħu ħsieb iqassmu mitlub jiġbru mis-Sagristija mill-aktar fis.
   - Il-*Malta Hospice Movement* bagħtu jirringrazzjaw lil dawk kollha li wrew apprezzament u taw donazzjoni, li fir-raħal tagħna laħqet it-€ 361.92.
   - Ngħarrafkom li Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna, fuq xewqa u nomina tal-Arċipriet tal-Parroċċa ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi, approva l-ħatra ta' diversi saċerdoti Qriema, inkluż dawk li jaħdmu f'parroċċi oħra, fosthom jien (Kappillan Dun David Farrugia) bħala Kanonku onorarju tal-Kapitlu l-ġdid fi ħdan il-Kolleġġjata ta' San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi, mwaqqfa mill-Arċisqof stess f'nhar il-festa li ġiet ċċelebrata f'Ġunju li għadda (2019). *Waqt li nibqa' kappillan ta' Ħal Safi, b'ubbidjenza u gratitudni lejn l-Arċisqof, u b'rispett u gratitudni lejn il-familjari tiegħi, l-aktar tan-naħa ta' ommi, kif ukoll għax jiena wild Qormi, aċċettajt li nilqa' din in-nomina.*

6. Avviżi mill-Kunsill Lokali:-
   - Il-Ħadd 1/12, il-pjazza ta' Ħal Safi ser tkun magħluqa għat-traffiku, inkluż it-trasport pubbliku, bejn is-7:00am u 11:00pm. Niskużaw ruħna ta' kull inkonvenjent, filwaqt li nitolbu l-koperazzjoni tagħkom.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 235 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-Fond tal-Iskejjel tal-Knisja;
   - € 275 minn ħarġa li kellna din il-ġimgħa;
   - € 115 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.

   Grazzi.